MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 765/1997/1

**Alfred u Consolata konjugi Camilleri**

**vs**

**Francis Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji ta’ porzjoni art markata bhala plot 88 fi Triq is-Sliem, Santa Maria Estate, Mellieha mentri l-konvenut huwa proprjetarju jew jippossjedi l-porzjon art adjacenti ghal dik ta’ l-atturi markata bhala plot 89 fl-istess triq;

Illi ricentement il-konvenut beda jaghmel xi xogholijiet fil-plot tieghu fost ohrajn konsistenti fi thammil u skavi ta' l-istess plot;

Illi fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet il-konvenut harbat u farrak hajt tas-sejjiegh maghmul mill-atturi fi proprjeta' taghhom u anke inonda parti mill-proprjeta' ta' l-istess atturi;

Ukoll illi meta l-konvenut ghamel dan it-thammil u thaffir ma zammx id-distanza u boghod kif jistipula li ghanda tinzamm skond l-artikolu 439 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta f'cirkostanzi simili;

Illi fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet, l-atturi sofrew diversi hsarat u danni fil-proprjeta' taghhom u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi : -

1. tiddikjara li meta l-konvenut ghamel it-thaffir fil-proprjeta' tieghu adjacenti ma' dik ta' l-atturi kif fuq inghad, ma zammx id-distanza u 'l boghod stipulat mil-ligi u cioe' l-artikolu 439 tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta;

2. tordnalu jiehu dawk il-mizuri kollha necesarji sabiex jigi accertat li tinzamm dik id-distanza taht supervizjoni ta' periti nominandi, liema mizuri jridu jsiru fi zmien qasir u perentorju u fin-nuqqas l-istess atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez ta' l-istess konvenut;

3. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo b' opera ta' periti nominandi; u

4. tikkundanna lill-istess konvenut ihalas lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-gudizzju mhux integru peress li mart il-konvenut Pauline Borg, proprjetarja ta' nofs indiviz tal-plot imsemmi kellha tigi mharrka fic-citazzjoni odjerna;

2. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa zamm mad-distanzi regolamentarji skond il-ligi, sew kif jirrizulta mill-konfigurazzjoni kif giet mibnija l-plot 89 Triq is-Sliem, Sta. Maria Estate, Mellieha kif ukoll mill-premessi tal-Planning Authority;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi huwa ma kkawza ebda dannu lill-atturi stante li x-xogholijiet kollha li huwa ghamel kienu fil-proprjeta' tieghu;

4. Illi kuntrarjament ghal dak li jsostni l-atturi, huma stess li jridu jibnu l-hajt divizorju bejn il-fond taghhom stante li huwa f'livell aktar gholi mil-livell tal-konvenut u ghalhekk permezz tal-kontrotalba odjerna qed jintalab illi l-attur jgholli l-hajt divizorju sal-livell ta' seba' filati mill-art tieghu biex b' hekk huwa ma jittawwalx fuq il-proprjeta' tal-konvenut li huwa f'livell anqas baxx minnu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma proprjetarji ta' porzjonijiet ta' art markati bhala plot 88 u 89 fit-Triq is-Sliem, Santa Maria Estate, liema plots huma kontigwi pero' mibnija f'livelli differenti;

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' Plot 88 fi Triq is-Sliem, Santa Maria Estate, Mellieha biex b'hekk hija mibnija f' livell aktar gholi mill-proprjeta' tal-konvenut;

Illi l-hajt divizorju bejn il-proprjeta' tal-atturi u l-konvenut mhux mibni skond il-ligi u huwa f'livell mhux regolamentari;

Illi skond il-ligi l-atturi ghandhom jghollu l-istess hajt divizorju ghal livell ta' sitt piedi mill-art taghhom biex b'hekk huma ma jkunux jistghu jkollhom vista fuq il-proprjeta' tal-konvenut;

Illi l-atturi nonostante li gew interpellati diversi drabi biex jaghmlu dawn ix-xogholijiet fil-hajt divizorju biex b'hekk huma ma jkunux jistghu iharsu fuq il-proprjeta' tal-konvenuti pero' baqghu inadempjenti;

Illi jinhtieg ukoll li jsiru x-xogholijiet rimedjali fuq il-hajt divizorju u cioe' fil-linja medjana bejn il-proprjeta' tal-atturi u dak tal-konvenut stante illi terrapin u gebel iehor qieghed regolarment jitwaqqa' fuq il-proprjeta' tal-konvenut bi hsara u dannu ghalih;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-atturi sabiex fi zmien qasir u perentorju jghollu l-hajt divizorju mill-livell tal-art taghhom fi plot 88 Triq is-Sliem, Sta. Maria Estate, Mellieha li jaghti ghal fuq il-proprjeta' tal-konvenut ghal gholi ta' sitt piedi mill-art tal-atturi u dan a tenur tal-ligi;

2. Tikkundanna lill-atturi sabiex fl-istess zmien qasir u perentorju jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali fil-hajt divizorju biex b'hekk il-hajt li huma jtellghu a tenur tal-ligi ma jkunx ta' perikolu u hsara ghall-proprjeta' tal-konvenuti u dan taht is-sorveljanza u direzzjoni ta' Perit Arkitett;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-konvenut jaghmel l-imsemmi xoghol a spejjez tal-konvenuti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali bl-ingunzjoni tal-atturi ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi rikonvenzjonati fejn gie eccepit :-

1. Fl-ewwel lok in-nullita’ tal-kontro-talba peress li ma tinkwadrax ruhha fl-istanzi permessibbli mil-ligi fit-termini tal-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk l-atturi ghandhom jigu lliberati ab observantia;

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti ma humiex tenuti jinalzaw il-hajt in kwistjoni peress li d-dizlivell gie krejat mill-istess konvenuti u kwindi ma humiex applikabbli l-estremi tal-artikolu 421 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, anke dato ma non concesso li huma tenuti fil-ligi li jaghmlu l-inalzament, huma ma ghandhomx jissapportu l-ispejjez tal-kontro-talba peress li llum qatt ma gew mibdula jaghmluh u lanqas qatt ma wrew oppozizzjoni li jaghmlu dan u di piu kien imputabbli li jaghmlu dan minhabba x-xogholijiet li ghamlul-istess konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-12 ta’ Ottubru 1999 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghal kontro-talba tal-konvenut;

Rat id-digriet taghjha (diversament presjeduta) tat-12 ta’ Ottubru 1999 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC David Pace bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat l-affidavit tal-attrici;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tas-17 ta’ Jannar 2005;

Semghet lill perit tekniku imsejjah mill-konvenut;

Rat in-nota ta’ kritika tal-konvebnut ghar-rapport peritali;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-atturi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-atturi huma proprjetarji ta’ porzjoni art cioe’ l-plot numru 88 Triq is-Sliem, Santa Maria Estate, Mellieha. Il-kovenut hu proprjetarju tal-porzjon art adjacenti u cioe’l-plot 89;

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu l-konvenut beda jaghmel xi xogholijiet fl-imsemmija porzjon art tieghu u beda jhammel u jiskava l-istess przjon art. Jippremettu ukoll li fl-kors ta’ dawn ix-xogholijiet il-konvenut harbat u farrak hajt tas-sejjiegh fil-poprjeta taghhom kif ukoll inonda parti mill-istess proprjeta’ u ma zammx id-distanza u boghod kif trid il-ligi skond l-artikolu 439 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-atturi jippretendu li minabba dan kollu huma sofrew diversi hsarat u danni fil-proprjeta’ taghhom. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenut ma zammx id-distanza u ‘l boghod stipulat mil-ligi skond l-artikolu 439 tal-Kap 16 ta’ Ligijiet ta’ Malta. L-atturi qed jtolbu ukoll li jigi ordnat lll-konvenut biex jiehu dawk il-mizuri kollha necesarji sabiex jigi accertat li tinzamm din id-distanza u fin-nuqqas l-istess atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xogholijiet necessarji a spejjez ta’ l-istess konvenut. Qed jitolbu ukoll li jigu likwidati d-danni relattivi li huma sofrew u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-gudizzju mhux integru peress li mart il-konvenut Pauline Borg, li hi proprjetarja ta’ nofs indiviz tal-plot in kwestjoni ma gietx imharrka.

Jeccepixxi inoltre li huwa zamm mad-distanzi regolamentari u li huwa ma kkawza ebda dannu lill-atturi stante li x-xogholijiet kollha li huwa ghamel kienu fil-proprjeta' tieghu. Finalment il-konvenut jeccepixxi li huma l-atturi li ghandhom jibnu l-hajt divizorju bejn il-fond taghhom, li jinsab f'livell aktar oghli mil-livell tal-konvenut u f'dan ir-rigward qed issir kontro-talba;

In effett il-konvenut ippresenta kontro-talba fejn ippremetta, fost affarijiet ohra, li l-plots tal-kontendenti in kwestjoni huma kontigwi pero' mibnija f'livelli differenti. Huwa jippremetti ukoll li dik tal-atturi hi f'livell oghla mill-plot tieghu u li l-hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet mhux mibni skond il-ligi u huwa f'livell mhux regolamentari. Il-konvenut jippretendi li skond il-ligi l-atturi ghandhom jghollu l-istess hajt divizorju ghal livell ta' sitt piedi mill-art taghhom biex b'hekk huma ma jkunux jistghu jkollhom vista fuq il-proprjeta' tal-konvenut. Inoltre jippretendi li hemm bzonn li jsiru x-xogholijiet rimedjali fuq il-hajt divizorju fil-linja medjana bejn il-proprjetajiet stante illi terrapin u gebel iehor qieghed regolarment jitwaqqa' fil-proprjeta' tal-konvenut bi hsara u dannu ghalih. Ghalhekk il-konvenut qed jitlob li l-atturi jigu kundannati jghollu l-hajt divizorju mill-livell tal-art taghhom ghal gholi ta' sitt piedi mill-art tal-atturi u dan skond il-ligi.Qed jitlob ukoll li l-atturi jigu kundannati jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali fl-istess hajt divizorju biex b'hekk il-prolungament tal-hajt ma jkunx ta' perikolu u hsara ghalih;

Ghal dawn it-talbiet rikonvenzjonali l-atturi eccipew li l-kontro-talba hi nulla peress li ma tinkwadrax ruhha f'dak li tippermetti l-ligi skond l-artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jeccepixxu ukoll li huma mhux tenuti jinalzaw il-hajt divizorju peress li d-dizlivell gie krejat mill-istess konvenut u kwindi mhux applikabbli l-estremi tal-artikolu 421 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jeccepixxu inoltre li fi kwalunkwe kaz huma ma ghandhomx ibatu spejjez ghar-rigward tal-kontro-talba stante li huma qatt ma gew intepellati f'dan ir-rigward, qatt ma opponew li jaghmlu dan ix-xoghol u di piu dan l-istess xoghol sar necessarju minhabba xogholijiet ohra li ghamel l-istess konvenut;

Kif gia gie rilevat bl-imsemmija sentenza tat-12 ta’ Ottubru 1999 giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghal kontro-talba tal-konvenut;

Fl-ewwel lok trid tigi trattata l-eccezzjoni tal-konvenut li l-gudizzju mhux integru peress li martu, li hi proprjetarja ta’ nofs indiviz tal-plot in kwestjoni ma gietx imharrka. Irid jigi rilevat li f’dan ir-rigward ma saru ebda provi u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tista qatt tirrizulta pruvata;

F’dawn il-proceduri gie nominat bhala perit tekniku l-AIC David Pace, li ppresenta u kkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu. L-abbli perit tekniku kkonsidra li kienu l-atturi li l-ewwel bnew il-plot taghhom in kwestjoni u kif huma lestew il-bini taghhom, il-konvenut beda jibni villa fil-plot tieghu. Iz-zewg plots in kwestjoni jinsabu f’pendil qawwi fejn il-blat ixaqleb b’mod qawwi minn wara ghal quddiem u cioe’ ghal linja tat-triq. Il-partijiet zviluppaw l-art taghhom b’mod differenti. L-atturi haffru biss sabiex jikkostruwixxu access mal-livell tat-triq u bnew il-villa proprja f’livell aktar gholi filwaqt li l-konvenut skava sabiex iwitti l-plot tieghu kwazi kollha sal-livell tat-triq. B’hekk hemm differenza enormi bejn il-livell tal-bini ta’ l-atturi u dak tal-konvenut;

Fl-ewwel lok il-perit tekniku ttratta t-talbiet tal-atturi. Huwa kkonstata li l-kwalita’ tal-blat jew tat-terren in kwestjoni jvarja hafna bejn blat qawwi immens sa tafal, turbazz u anke hamrija. F’dawn ic-cirkostanzi l-perit tekniku kkonsidra li l-konvenut m’ghamilx tajjeb meta in parti skava gholi ta’ kwazi zewg sulari vertikalment u halla l-wicc mikxuf ghal hafna zmien. Skond il-perit gudizzjarju l-konvenut naqas li jiehu prekawzjonijiet kollha adegwati billi huwa skava aktar ‘il gewwa mid-distanza stabbilita mil-ligi. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u ohra li ghamel l-istess perit tekniku huwa kkonkluda li l-ewwel talba attrici ghandha tigi akkolta;

Skond il-perit tekniku saret hsara fil-hajt tas-sejjiegh mibni mill-atturi u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghat-tiswija ta’ dina l-hsara relattiva;

Il-perit tekniku ghadda biex jikkonsidra flimkien it-tieni talba ta’ l-atturi u l-kontro-talba tal-konvenut. Hawnhekk il-perit tekniku kkonsidra li l-atturi ma kienux bl-ebda mod obbligati illi jhaffru sal-livell tat-triq u kienu perfettament fi dritt illi jaghmlu t-tip ta’ zvilupp li ghamlu. Inoltre l-atturi ma kienux jafu x’bini kien ser jghamel il-konvenut fil-plot tieghu. Ghalhekk l-atturi kienu intitolati li jibnu c-cint semplicement biex jindikaw il-linja tal-qasma. L-atturi ghandhom il-villa taghhom f’livell aktar gholi minn dak tal-konvenut minhabba l-fatt illi l-konvenut stess skava u qatta’ l-blat u baxxa l-livell tas-sit tieghu. Fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jinvoka a favur tieghu l-provedimenti tal-artikolu 427(3) tal-Kodici Civili. Il-perit tekniku deherlu li fil kaz in ezami hu aktar applikabbli l-Artikolu 420 li jipprovdi li hajt divizorju bejn btiehi, gonna u ghelieqi ghandu ikun ta’ tlett metri u nofs gholi jew inkella zewg metri u erbghin centimetru skond is-sigar li jkun fihom il-gonna jew metru u nofs jekk ikun bejn zewg ghelieqi. Il-perit tekniku hu tal-opinjoni li t-tieni talba attrici ghandha tigi akkolta u l-konvenut ghandu jigi mgieghel illi l-pedament kollu mil-livell tal-plot tieghu, u anke jekk ikun hemm bzonn pedament aktar fil-fond, sa taht il-linja fejn hemm il-hajt tas-sejjiegh ta’ l-atturi jittella’ a spejjez tieghu. Meta xehed f’dawn il-proceduri l-istess perit teknniku kkonsidra li dan il-hajt m’huwiex hajt divizorju izda ghandu jigi definit bhala hajt ta’ lqugh biex jilqa’ t-terrapien u l-blat li gew mikxufin minhabba l-iskavar li sar mill-konvenut stess. Wara li jkun sar dan ix-xoghol ikun jista jittella’ l-hajt divizorju mil-livell tal-plot ta’ l-atturi ‘l fuq u dana a spejjez komuni skond il-ligi;

Ghar-rigward tat-tielet u r-raba talba attrici l-perit tekniku hu tal-fehma li l-hsarat fil-hajt tas-sejjiegh kif ukoll il-konsenturi illi nfethu fil-hajt ta’ wara tal-villa ta’ l-atturi ghandhom jissewwew a spejjez tal-konvenut;

Finalment l-abbli perit tekniku kkonkluda li :-

(i) l-ewwel talba attrici ghandha tigi akkolta billi ghandu jigi dikjarat illi meta l-konvenut ghamel it-thaffir fil-proprjeta’ tieghu adjacenti ma’ dik ta’ l-atturi ma zammx

id-distanza u l-boghod stipulat mil-ligi, u cioe' l-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) it-tieni talba attrici ukoll jisthoqq li tigi akkolta fis-sens li l-konvenut ghandu jigi ordnat sabiex jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex jigi accertat li tinzamm dik id-distanza pero' modifikata fis-sens illi ghandu jinbena hajt ta' l-ilqugh illi jibda ezatt taht il-hajt tas-sejjiegh mibni mill-atturi b'dana illi bl-ebda mod ma ghandu jidhol 'il gewwa aktar minn dina l-linja u li jekk il-hxuna massima ta' dan il-hajt ma jeccedix is-sitta u sebghin centimetru (76 cms) ma jkunx hemm il-htiega illi l-konvenuta jigi mgieghel illi jersaq aktar 'il gewwa ghal fuq il-proprjeta' tighu sabiex ihalli dina d-distanza bejn il-hajt il-gdid u l-hajt mibni mill-atturi izda jkun sufficjenti illi jittella' lqugh adegwat sabiex jilqa' l-materjal li hemm warajh b'mod illi l-parti ta' wara nett ta' dana l-hajt ma jeccedix il-parti ta' wara, ossia l-wicc gewwa n-naha ta' l-art ta' l-atturi tal-hajt tas-sejjiegh mibni mill-istess atturi;

(iii) li t-tielet talba ghandha ukoll tigi milqugha u f'dan ir-rigward il-perit tekniku llikwida d-danni sofferti mill-atturi fil-hajt tas-sejjiegh kif ukoll il-konsenturi li tfaccaw fil-hajt ta' wara fl-ammont *arbitrio boni viri* ta' erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450);

(iv) ovvjament ukoll ghandha tigi akkolta r-raba' talba billi l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma ta' Lm450 in linea ta' Danni; u

(v) il-kontro-alba tal-konvenut ghandha tigi akkolta fis-sens pero' illi ghandu jittella' l-hajt divizorju bejn il-gonna tal-kontendenti billi jinbena mill-wicc tal-hajt li ghandu jittella' mill-konvenut skond il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u allura dan il-hajt ghandu jinbena mil-livell ta' fuq tal-hajt mibni mill-konvenut sa gholi ta' zewg metri u erbghin centimetru (2m 40cms) billi hawnhekk ghandna kaz ta' zewg gonna illi fihom hemm sigar illi principalment m'humiex sigar tal-laring jew tal-lumi. L-ispejjez ta' dina l-kostruzzjoni ghandha ssir indaqs bejn il-partijiet skond kif stipulat fl-Artikolu 421. Ghandu jinghad pero' illi billi l-ispejjez sabiex jinebna hajt tas-sejjiegh ta' dan l-gholi

huwa ferm akbar minn dawk sabiex jibena hajt normali tal-kantun, dan il-hajt il-gdid ghandu jittella' bil-kantun salv illi jekk l-atturi jkunu jixtiequ illi n-naha taghhom jinbena bis-sejjiegh huma ghandhom ibatu l-ispejjez tad-differenza bis-sejjiegh fuq in-naha taghhom u l-kostruzzjoni tal-hajt bil-kantun;

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamel l-abbli perit tekniku u dwar il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Taqbel kemm mal-konsiderazzjonijiet kif ukoll mal-konkluzjonijiet u ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti tbiddel jew tvarja l-istess konkluzjonijiet;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghhandhom kollha jigu akkolti kif ukoll ghandha tigi milqugha l-kontro-talba tal-konvenut pero'kollox kwalifikat skond kif ikkonkluda l-abbli perit gudizzjarju:

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara li meta l-konvenut ghamel it-thaffir fil-proprjeta' tieghu adjacenti ma' dik ta' l-atturi ma zammx id-distanza u 'l boghod stipulat mil-ligi u cioe' l-artikolu 439 tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta; tiddeciedi billi tilqa t-tieni talba tal-atturi u tordna li l-konvenut ghandu jiehu dawk il-mizuri kollha necesarji sabiex jigi accertat li tinzamm dik id-distanza pero' modifikata fis-sens illi ghandu jinbena hajt ta' l-ilqugh illi jibda ezatt taht il-hajt tas-sejjiegh mibni mill-atturi b'dana illi bl-ebda mod ma ghandu jidhol 'il gewwa aktar minn dina l-linja u li jekk il-hxuna massima ta' dan il-hajt ma jeccedix is-sitta u sebghin centimetru (76 cms) ma jkunx hemm il-htiega illi l-konvenuta jigi mgieghel illi jersaq aktar 'il gewwa ghal fuq il-proprjeta' tighu sabiex ihalli dina d-distanza bejn il-hajt il-gdid u l-hajt mibni mill-atturi izda jkun sufficjenti illi jittella' lqugh adegwat sabiex jilqa' l-materjal li hemm warajh b'mod illi l-parti ta' wara nett ta' dana l-hajt ma jeccedix il-parti ta' wara, ossia l-wicc gewwa n-naha ta' l-art ta' l-atturi tal-hajt tas-sejjiegh mibni mill-istess atturi. Dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru

mhux aktar tard minn tlett xhur mid-data ta’din is-sentenza u ghandhom isiru taht is-sorveljanza tal-AIC David Pace li qed jigi nominat appositament ghal dan il-ghan. F’kaz li l-konvenut jonqos li jghamel ix-xogholijiet kollha relattivi fiz-zmien mghoti l-atturi huma awtorizzati jaghmlu l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut; tiddeciedi billi tilqa t-tielet talba attrici u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira maltin (Lm450) u tilqa ukollir-raba talba tal-atturi billi tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi l-istess somma ta’ Lm450 in linea ta’ Danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Fl-ahhar nett tiddeciedi billi tilqa l-kontro-talba fis-sens pero’ illi ghandu jittella’ l-hajt divizorju bejn il-gonna tal-kontendenti billi jinbena mill-wicc tal-hajt tal-lqugh, li ghandu jittella’ mill-konvenut, sa gholi ta’ zewg metri u erbghin centimetru (2m 40cms) L-ispejjez ta’ dina l-kostruzzjoni ghandha ssir bin-nofs bejn il-partijiet skond il-ligi. Dan il-hajt divizorju gdid ghandu jittella’ bil-kantun salv illi jekk l-atturi jkunu jixtiequ illi n-naha taghhom jinbena bis-sejjiegh huma ghandhom ihallsu d-differenza bejn il-hajt tas-sejjiegh u hajt mibni bil-kantun. Dawn ix-xogholijiet kollha iridu jsiru fi zmien tlett xhur mid-data ta’ din is-sentenza u taht is-sorveljanza tal-AIC David Pace li qed jigi nominat ghal dan l-iskop. Jekk xi parti wahda tonqos mill-obbligu taghha skond din il-parti tas-sentenza, l-parti l-ohra hi awtorizzata tghamel hi x-xogholijiet kollha relattivi bl-ispejjez kif determinat ukoll f’din il-parti tas-sentenza;

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------